# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## BAZILKA TA’ L-ADDOLORATA – CHIGACO.

Bazilka dedikata lil Marija Addolorata tinstab gewwaChigaco, Illinos. Hija wahda mit-tlett knejjes moghtija t-titlu tal-Bazilka mill-Papa fis-sena 1956. Kienet imwaqqfa fis-sena 1874 u amministrata mill-Padri Serviti li xerrdu d-devozzjoni lejn l-Addolorata fost il-parruncani taghhom, l-aktar l-emigrati Irlandizi u Taljani. Ir-radju kien mezz iehor biex ixerrdu l-qima lejn Marija Ssma taht it-titlu tad-Duluri. Anke devoti tad-Duluri barra mill-parrocca kienu jersqu lejn din il-Bazilka biex iroddu hajr lil Alla permezz ta' Marija Addolorata u biex isibu konfort fid-dwejjaq u problemi taghhom f'din l-Omm hanina. Pero' fis-60 u 70 tas-seklu 20 il-parrocca kellha hafna parruccani Afrikani Amerikani.



Il-knisja hija mibnija fuq stil Taljan Rinaxximentali minn Henery Engelbert, John F. Pope u William J. Brinkmann. Is-saqaf taghha f'forma tonda jdur madwar l-artal maggur mahdum totalment mill-irham tal-Carrara.